VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,369, 18 ta' Marzu, 2020*
*Taqsima B*

**A.L. 84 tal-2020**

## ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

## Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali) u dan l-ordni għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Ħinijiet Ġudizzjarji u Legali), hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 465. 17.

(2) Dan l-ordni għandu jitqies li daħal fis-seħħ fis-16 ta' Marzu, 2020.

Jemenda l-artikolu 3 tal-ordni prinċipali.

**2.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Meta s-Suprintendent tordna l-għeluq tal-qrati kollha jew ta' kwalunkwe qorti għall-fini ta' ħarsien kontra u, jew ta' kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv, tali ordni għandha tissospendi ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarju u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati. Din is-sospensjoni għandha tapplika ukoll għall-preskrizzjoni fi kwistjonijiet kriminali u ċivili. Is-sospensjoni għandha ddum sa sebat (7) ijiem wara r-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Suprintendent. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' hawn fuq, din is-sospensjoni għandha tfisser li jekk l-aħħar jum ta' kwalunkwe ħin legali jew ġudizzjarju jew limitu ta' żmien ieħor jiskadi matul iż-żmien meta ordni provduta f'dan ir-regolament tkun fis-seħħ, iż-żmien għall-preżentata għandu jiġi sospiż sa sebat (7) ijiem wara l-jum meta s-Supritendent tirrevoka l-ordni għall-għeluq ta' kwalunkwe qorti permezz ta' avviż fil-Gazzetta.